# Programm mill-Banda Sant'Elena



Is-Sur Mario Fenech

Dan l-aħħar iltqajt ma' kartolina li kienet tqassmet bħala reklam ta' prodott li fuq in-naħa ta' wara kien ġie mħabbar Programm Mużikali li l-Banda 'Sant'Elena', aktar tard 'Duke of Connaught's Own' kienet għamlet fil-Belt Valletta nhar l-Ewwel Jum tas-sena l-ġdida 1903 fi Pjazza San Ġorġ fil-5.00pm.

Dan il-Programm jidher li kien wieħed kbir mill-mużika li kienet indaqqet mill-Banda, għalkemm mhux imniżżel fl-istorja tal-Każin tal-Banda 'Duke of Connaught's Own' fil-ktieb li kien ġie ppublikat fl-okkażżjoni ta' l-għeluq il-mitt sena mit-twaqqif tas-Soċjeta fis-sena 1965.

Matul is-sena 1903 kienu seħħew avvenimenti mportanti fl-istorja tal-banda fejn minbarra dan il-programm ta' l-ewwel tas-sena l-banda kienet marret tagħmel żewġ programmi Mużikali f'Ħal Qormi fl-okkażjoni tal-Festi Ċentinarji ta' San Ġorġ.

Fl-istess sena s-Soċjeta' kienet ukoll biddlet l-isem tagħha minn dak ta' Banda Sant'Elena għal dak ta 'Circolo Sant'Elena e Filarmonica Duke of Connaught'.

Għal din l-okkażjoni l-Banda kienet żanżnet l-uniformi l-ġdida tagħha fuq l-linji ta' uniformi militari u għall-okkażjoni kienet esegwiet programm mużikali fil-ġnien tal-Palazz ta' Sant'Anton wara stedina li kienet saret lill-banda mill-istess Duka ta' Connaught.

Dak iż-żmien il-banda kienet taħt id-direzzjoni tas-surmast Raffaele Ricci.

Mela din is-sena b'tant impenji mużikali mportanti kellha tibda fil-Belt Valletta b'dan il-programm li matulu l-Banda esegwit dawn is-siltiet mużikali:

Marcia Vita Beata A.Cina'
Rhapsodie Hongriose No.11 – Mro.Litz *(Rid.Mro E.Bartoli)*






ate la nuova sigaretta

La Società Filarmonica
SANT' ELENA

Eseguira Giovedi 1o. Gennaio 1903,
alle ore 5 p.m.
IN PIAZZA SAN GIORGIO
il seguente

**Programma**

1. Marcia — Vita Beata — A. Cina.
2. Rhapsodie Hongroise No. 11 — Mo. Litz. Rid. Mo. E. Bartoli.
3. Atto IV ... Gli Ugonotti
4. ... Il sospiro
5. Atto III — La Bohème — Mo. Puccini.
6. Fantasia ...

God save the King.

Prof. Cav. Raff. Ricci,
Direttore.

"ORPHEUS"
della casa G. Selivagnoti




Atto IV Congura e Duetto – Gli Ugonotti – Mro Mayerber *(Rid Mro.Ricci)*
Fantasia per Trombone – Il Sospiro dell Anima – NN
Atto III La Boheme – Mro Puccini *(Rid Mro Ricci)*
Fantasia Variata per Quartino

INNO SANT'ELENA
God Save The King

Il-kartolina li fuqha ġie mħabbar il-Programm Mużikali kienet waħda bil-kulur, 'embossed' u fuq naħa minnhom kellha l-awguri għas-sena l-ġdida mid-Diretturi tad-Ditta 'G.Scivagnoti' li kienet qiegħda tintroduċi fis-suq lokali l-marka tas-sigaretti ġdida 'Orpheus'.

Kartolina nteressanti li tirrakkonta parti importanti mill-istorja tal-banda li teħodna lura lejn il-bidu tas-sena 1903.

*Il-Festa t-Tajba lill Kalkariżi Kollha*
Mario Fenech.

Charmris Hair & Nails
Salon

CHARMAINE BORG
FOR ALL TYPE OF HAIR AND NAILS
BEAUTY, EXTENSIONS ALSO
AVAILABLE



Tumas Fenech street
Birkirkara - Malta

79734408 - 27884497

charmris hair&nails@gmail.com

Stephanie Calleja

Hair
Generation

Regent Place, Shop 6
Triq Tumas Fenech,
Birkirkara, BKR11

Phone: 2144 4767
Mobile: 9948 6814